Il-Ħamis 24 ta' Marzu 2011

Ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS)

P7_TA(2011)0113

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2011 dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq)

(2012/C 247 E/04)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-ittra tat-28 ta' Frar 2011 mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) [1],

— wara li kkunsidra l-fatt li, fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Marzu 2011, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji sema' lill-kandidat magħżul mill-Bord ta' Superviżuri tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Verena Ross tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010),

1. Japprova l-ħatra ta' Verena Ross bħala Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq);

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq).

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

It-tħejjija tal-baġit 2012

P7_TA(2011)0114

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2011 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2012 (2011/2042(BUD))

(2012/C 247 E/05)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 313 u 314 tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda [1],

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.